MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 187/2012

**A B bhala kuratrici ad litem ta' binha J b'digriet tal-Qorti tas-17 ta' April 2013**

**vs**

**CD**
**P B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici nomine, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi fid-29 ta' Mejju tas-sena 2012, l-attrici welldet tifel minuri bl-isem ta' J u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 2617/2012 hawn anness u markat Dok A.

2. Illi mill-att tat-twelid tal-minuri jirrizulta illi l-attrici A B hija omm dan il-minuri u fil-kolonna intestata 'isem u

kunjom’, il-konvenut P B gie registrat bhala missier il-minuri.

3. Illi l-attrici A B u l-konvenut P B izzewgu f’Malta fil-25 ta’ Gunju tas-sena 2005 fil-Knisja ta' San Duminku, Rabat.

4. Illi ghalkemm fil-mument tat-twelid u tal-koncepiment tal-minuri, l-attrici A B u l-konvenut P B kienu mizzewgin, pero’ l-istess attrici sa mis-sena 2008 ma kinitx tghix ma’ zewgha l-konvenut ghal ragunijiet serji.

5. Illi sa mis-sena 2009 l-attrici kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut l-iehor CD u mieghu biss.

6. Illi fil-perjodu relevanti meta gie koncepit il-minuri J kien hemm l-impossibilita’ fizika li l-minuri seta’ gie koncepit mill-konvenut B peress illi l-konvenut B qatt ma kkoabita ma’ martu A B bejn it-tlitt mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-minuri u dan peress illi fl-imsemmi zmien l-attrici u l-konvenut B qatt ma kkoabitaw flimkien.

7. Illi l-attrici A B kellha relazzjonijiet biss mal-konvenut CD u hadd izjed.

8. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid tal-minuri J gie dikjarat illi missier il-minuri huwa l-konvenut P B, fil-fatt il-minuri gie koncepit fil-kors ta’ relazzjoni extra-maritali li l-attrici kellha mal-konvenut D.

Talbet li l-konvenuti ghar-ragunijiet premessi jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara illi l-konvenut CD huwa l-missier naturali ta’ J u mhux il-konvenut l-iehor P B.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri J (Att numru 2617/2012) billi fil-kolonna intestata ‘isem u kunjom missier it-tifel’, jigi kancellat l-isem P B, u jigi sostitwit bl-isem CD; u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet

relattivi ghad-dokument ta’ l-identita’, ghall-eta’, ghall-post tat-twelid u ta’ residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu korretti konegwentement billi jigu sostitwiti b’dawk il-partikolaritajiet u cioe’ taht il-kolonna ‘id-dokument ta’ l-identita’ minflok 67877(M) jigi jaqra 259372(M) ; taht il-kolonna ‘eta’ minflok 35 jigi jaqra 39; taht il-kolonna ‘twieled’ tibqa’ taqra Pieta'; taht il-kolonna ‘residenza’ minflok Rabat, Malta jigi jaqra Bugibba, Malta; u taht il-kolonna ‘isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet’ minflok Paul (haj) jigi jaqra Victor (mejjet).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi illi tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-avukat difensur tal-attrici jittratta;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita’ tal-minuri J B *stante* li l-attrici tikkontendi li minkejja li l-minuri li twieled nhar id-29 ta’ Mejju 2012[1] twieled fiz-zwieg (ghalkemm hi u l-intimat P B huma separati *de facto*) u konsegwentement, minhabba l-presunzjonijiet legali naxxenti mill-ligi, l-istess minuri gie imnizzel bhala l-wild naturali tal-intimat P B, l-istess minuri m’huwiex ibnu naturali. Ghalhekk permezz ta’ din il-kawza qieghda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li P B m’huwiex il-missier naturali tal-istess minuri u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri billi l-konnotati tieghu jigu kancellati minn fuq ic-certifikat tal-minuri u jigu sostitwiti bil-konnotati relattivi ghall-intimat l-iehor CD.

---

[1] Ara c-certifikat tat-twelid esebit a fol 4 tal-process

Min-naha tieghu, l-intimat CD jammetti t-talbiet attrici.

L-intimat l-iehor P B, permezz tar-rapprezentant legali tieghu, fis-seduta ta' nhar il-11 ta' April 2013, iddikjara li mhux qed jopponi ghat-talbiet attrici.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-mertu tal-kaz odjern idur fuq il-fatt jekk ir-rikorrenti irnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tal-intimat P B imma l-wild ta' CD u konsegwentement tipprova li hemm lok li jigu meghluba l-presunzjonijiet legali emanenti fil-ligi u li ghall-anqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta giet pruvata.

Ir-rikorrenti tiddikjara li minkejja li l-minuri twieled fiz-zwieg *stante* li hi u l-intimat P B huma biss separati *de facto*, ilha ma tghix ma zewgha sa' mis-sena 2008[2] u tiddikjara wkoll li mill-istess sena 'l quddiem, kellha kuntatti sesswali biss mal-intimat CD[3].

Il-Qorti tirrileva li permezz ta' *test* xjentifiku[4] ir-rikorrenti rnexxielha tipprova bl-aktar mod assolut li l-minuri J B verament mhux il-wild naturali tal-intimat P B *stante* li permezz tal-istess test xjentifiku, l-intimat l-iehor CD gie kkonfermat li huwa l-missier naturali tal-minuri. It-test xjentifiku huwa l-prova regina dwar il-paternita' u ftit taghmel differenza x'jghidu l-partijiet, ghalkemm jinghad li anke l-partijiet stess jaqblu li l-istess minuri m'huwiex il-wild naturali tal-intimat P B. Ghaldaqstant, il-provi kollha migjuba quddiem din il-Qorti juru bl-aktar mod car u inekwivoku li l-minuri mhujiex il-wild naturali tal-intimat P B.

Ghal finijiet ta' kompletezza il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghall-fatt li f'din il-kawza, d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma giex kjamat fil-kawza jew kien parti mill-istess

[2] Ara x-xhieda taghha a fol 23 tal-process
[3] Ara l-affidavit tar-rikorrenti esebit permezz ta' nota datata t-3 ta' Ottubru 2013
[4] Esebit a fol 15 tal-process

u dan *stante* li l-atturi jargumentaw li dan mhux necessarju ghall-validita' tal-kawza. Huma jargumentaw ukoll li f'kaz li t-talba taghhom tigi milqugha, allura d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun obbligat li jikkorregi u jemenda c-certifikat tat-twelid tal-minuri skond l-istess sentenza minghajr ma jkun involut direttament fl-istess kawza. L-atturi jaghmlu referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Dolores Bartolo vs Simon Bartolo** deciza nhar it-22 ta' Frar 2012 fejn din il-Qorti hekk kif diversament preseduta accettat u laqghat it-talbiet attrici ghal bdil fic-certifikat tat-twelid minghajr ma gie kjamat in kawza jew imsejjah id-Direttur tar-Registru Pubbliku. L-istess haga jista' jinghad ghall-kawza fl-ismijiet **Adelaide Attard vs Joseph Attard** deciza nhar it-8 ta' Mejju 2012 fejn ghal darb'ohra, f'kawza ta' paternita', id-Direttur tar-Registru Pubbliku ma giex kjamat fil-kawza u ma giex imharrek sabiex jirrispondi ghall-istess. Din il-Qorti tirrileva li huwa minnu li hija prassi li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi mharrek f'kawzi ta' paternita' pero' mill-qari tal-ligi jidher li dan mhux necessarju. Ghalhekk, il-kawza odjerna tista' tibqa' ghaddejja b'dan illi meta jkun hemm sentenza li tkun ghaddiet *in judicat* issir l-annotazzjoni necessarja sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat relattiv b'mod formali.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenut CD huwa l-missier naturali tal-minuri J u mhux il-konvenut P B;

(2) Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta' J B (Att numru 2617/2012) b'dan illi l-konnotati tal-intimat P B jigu mhassra minn fuq l-istess certifikat u jigu sostitwiti bid-dettalji segwenti bhala d-dettalji tal-missier tal-istess minuri skond kif elenkat hawn taht:

Isem u kujom – CD
Numru tal-karta tal-identita' – 259372M
Eta' meta twieldet il-minuri – 39 sena

Post tat-Twelid – Pieta’
Post tar-Residenza fiz-zmien tat-twelid – Bugibba
Isem missieru – Victor D li kien mejjet fiz-zmient tat-twelid tal-minuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------